Minuti tas-Seduta numru tnejn u ħamsin (52) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-10 ta' Awwissu, 2022 fis-6.00pm fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
|---|---|---|
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**52.01 Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u ittri ta' apoloġija

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjieda l-laqgħa u l-kunsillieri qalu t-talba flimkien. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**52.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħamsin (51)**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru wieħed u ħamsin kien approvati b'vot unanimu wara li kienu ppreżentati mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sra Doris Coleiro, approvati b'vot unanimu u ffirmati.

**52.03 Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 338 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 57**

Ċedoli

L-iskedi tal-pagamenti numru 338 u dik tal-Purchases/Works Orders numru 57 kienu approvati b'vot unanimu.

**52.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Mistoqsijiet

52.04.01

Permess Saqqajja

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-permess pendenti tal-Awtorità tal-Ippjanar tas-Saqqajja. Hu qal illi issa wasalna fl-aħħar biex joħroġ il-permess u naspiraw li nibdew dalwaqt.

52.04,02

Ismijiet ta' toroq ġodda

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus żamm lil Kunsill infurmat illi l-ismijiet proposti għaċ-Chadwick Lakes kienu approvti mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq. Is-SE qal illi rċevejna talba mis-Sur Adrian Zahra biex il-Pjazza fil-Housing Estate ta' Għeriexem tissemma' Triq l-Inkurunazzjoni bid-data. Il-KLR qabel illi dan l-isem ikun propost lill-istess kumitat iżda mingħajr data ħalli ma jkunx twil ħafna. Talba oħra mill-istess Adrian Zahra biex Wesgħet Anton Agius tissemma Ġnien l-Isqof Silvestu Magro ma ġietx milqugħa minn dan il-Kunsill u din mhix se tkun proposta lill-istess kumitat.

52.04.03

Ġnien Bir Iljun

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ix-xogħlijiet fi Ġnien Bir Iljun. Hu qal illi se jsir il-polishing tal art fil-jiem li ġejjin filwaqt li s'issa għaddew il-cables tad-dawl u tas-cctv minn kuntratturi



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*

privati. Inqala wkoll l-ħadid (fence) u se nżiduh għal parti fejn hemm il-car park.

52.05 **Skema Lokali SPI/SCI/8/2022 - Finanzjament Milied 2022 – il-proposti tal-NGOs Rabtin (deadline 19.8.22)** Finanzjament Milied 2022

Il-programm ippreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv wara li kienu iltaqgħu mal-għaqdiet kollha tar-Rabat hu, is-Sur Sandro Craus, is-Sindku kif ukoll is-Sur Rudolph Grima, kien approvat b'vot unanimu u se jkun ippreżentat lid-Direttur Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux se tkopri din l-iskema.

52.06 **Skema Lokali SPI/SCI/7/2022 – Clean Up 2022 (deadline 12.8.22)** Clean up

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jieħu sehem f'din il-kampanja il-Ħadd 18 ta' Settembru filgħodu li jaqa' fit-time frame ta' din il-kampanja ta' tindif stabbilit mid-Dipartiment Gvern Lokali u se jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li se mhux se tkun kopri din l-iskema biex titnaddaf Triq Ħad-Dingli l-Qadima.

52.07 **Jum ir-Rabat 2022** Jum ir-Rabat

Dwar Jum ir-Rabat qed isir xogħol fuq l-inviti u l-fuljett li se jitqassam bieb bieb. Saru żewġ laqgħat mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Sur Rudolph Grima, il-kunsillier responsabbli mill-kultura kemm ma' Mad Promotions li se jkollhom l-inkarigu tal-organizzazzjoni kif ukoll mal-Maestro Joe Chircop. F'dan kollu hemm involuti wkoll il-back office, jiġifieri is-Sri Fabienne Vassallu u Roberta Galea li qed jgħinu fil-loġistika u l-korrezzjoni tal-Malti tal-inviti u l-fuljett stedina. Kien propost mis-Sindku u ssekondat mis-Sur Rudolph Grima u deċiż unanimament illi flok is-Sur Keith Azzopardi il-premju Ġieħ ir-Rabat jingħata wkoll lis-Sur Paul Borg. Dan għall-għajnuna lill-NGOs li jagħti lil kull min jitolbu b'qalb tad-deheb. Kien deċiż ukoll illi minħabba l-istima għolja id-drink li jsir is-soltu f'Jum ir-Rabat ma jsirx din is-sena minħabba ż-żieda fil-prezz tad-deheb tal-lapel pins u affarijiet loġisitċi oħrajn.

52.08 **Talba għal żieda ta' 40% fil-prezzijiet tar-restawr tal-Uffiċċju Muniċipali fuq il-BOQ preżentata fl-offerta pubblika.** Refurbishment tal-Muniċipju

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega fid-dettall dwar it-talba li bagħtu Cieffe Furnishings Ltd għal żieda fil-prezz tal-offerta pubblika. Inżammu diversi laqgħat fosthom dik mal-kuntrattur fil-preżenza tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Sur Rudolph Grima, ukoll fil-preżenza tal-avukat Dr Sladden u anke fil-preżenza tal-Perit Charles Buhagiar. Inżammet laqgħa oħra mad-Direttur Ġenerali Divizjoni Gvern Lokali u d-Direttur Support u Moniteraġġ. Dawn tal-aħħar talbuna kopja tal-offerta pubblika biex jivvettjawha. Il-Perit min-naħa tiegħu talab lil kuntrattur il-workings taż-żieda fil-prezzijiet biex jara kif waslu għaliha.
Kien deċiż illi ma jitħallasx ix-xogħol li sar u nsejħu laqgħa straordinarja fejn il-kunsillieri jkunu mistiedna jipparteċipaw kemm-il darba jkunu jridu jittieħdu deċiżjonijet imporanti kemm biex jaqa' l-kuntratt u kif ukoll biex jidħol kuntrattur ieħor. Sadanittant, is-SE qal illi ingħatat il-bitħa bil-konkos biex jekk tagħmel ix-xita kif previst ma jegħrqux il-ġirien u nidħlu responsabbli għal ħsara lil terzi.

52.09 **Rabat Fashion Festival** Rabat Fashion Festival

Is-Sra Janice Busuttil qed taħdem fuq din l-attività u qalet illi se jkun hawn madwar 40 mudella mill-Italja li rridu nsibulhom post Air BnB (fil-guest houses) tar-Rabat. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jipprepara ittra li se titqassam lis-sidien tal-guest houses biex naraw insibux prezzijiet tajbin. S'issa inkitbu żewġ ittri lill-fotografi u lil tal-ħwienet.

52.10 **Proposta ta' Green Infrastructure mir-Reġjun Punent f'isem il-KLR biex tissaqqaf il-latrina ta' Triq Santa Rita bi green roof** Green Infrastructure

Ma kienetx diskussa.

| | | |
|---|---|---|
| **52.11** | **Tiġdid tal-kuntratt tad-*Data Protection Officer***<br>Kien deċiż illi jiġġedded il-kuntratt mas-supplier li kellna biex nibqgħu nieħdu s-servizz tad-Data Protection Officer. | DPO |
| **52.12** | **Ir-ri-introduzzjoni tal-Bring in Sites fir-Rabat – proposti ta' 4 siti u waħda minnhom doppja; mill-ERA f'Misraħ Forok, Parkeġġ quddiem is-Serkin, Ta' Landrijiet, Kan G Gatt Said, Raddet ir-Roti, Għajn Qajjet u Għar Barka**<br>Ma kienetx diskussa | BIS |
| **52.13** | **Ittra ta' direzzjoni (Management Letter) ye 2021 -**<br><br>Ma kienetx diskussa | Management Letter |
| **52.14** | **Skema Lokali – SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitatjiet isbaħ u aktar b'saħħithom (deadline 14.10.22)**<br>Ma kienetx diskussa | Proġetti Kapitali |
| **52.15** | **Proposta ta' Stqarrija konġunta minn tliet kunsilli lokali kontra l-Imdina Grand Prix**<br>Is-Sur Norbert Grech qal li tajjeb illi niltaqgħu ma l-organizzaturi filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni biex tinħareġ l-istqarrija konġunta mit-tliet kunsilli lokali għaliex meta qed isir il-Grand Prix kulħadd qed ikun maqbud f'daru u ma jkunx jista' jaċċessa ir-Rabat, l-Imdina, l-Imtarfa u anke Ħad-Dingli. | Grand Prix |
| **52.16** | **Punti Oħra** | Punti Oħra |
| 52.16.01 | Is-Sur Nazju Cassar semma il-qtugħ tal-ħaxix ħażin. Hu qal illi qed jissorvelja iżda l-kuntrattur preżenti m'għandux il-kapaċita' biżżejjed biex ilaħħaq ma' dan kollu. Dan il-kuntratt kien deċiż illi jinqasam fuq tlieta jew erbgħa kuntratturi permezz tat-tulijiet u jinħareġ tender ġdid. | Qtugħ ta' ħaxix ħażin |
| 52.16.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' il-kuntratt tal-Greenmt kif waqfu jiġbru il-ħġieġ mir-Rabat. Hu qal illi tkellem mal-Wasteserv biex tkun by-passjata l-iskema Greenmt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed ikun kollox ikkomunikat mal-ERA li wkoll għandha rwol importanti fir-riċiklaġġ u l-ħruġ tal-permessi. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi fit-tielet ġimgħa tax-xahar ta' Lulju is-servizzi ingħata minn Paul Tanti li bagħat invoice ta' €1,400 u din intbgħatet lil Green Mt mingħajr ma ġiet imħallsa u fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar ta' Awwissu, inġabar minn Wilson Mifsud u Paul Tanti. Tal-ewwel ġabar iċ-ċentru u Paul ġabar l-outskirts u t-toroq id-dojoq b'vann żgħir. | Ġbir ta' Ħġieġ |
| 52.16.03 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona illi tinkiteb ittra biex il-PARKS inaddfu iċ-Chadwick Lakes mil-ħaxix ħażin li kiber fih peress li dawn huma responsabbli mil-widien. Għal dan kollu ma kienx hemm oġġezzjoni. | Tindif ta' Wied il-Qlejgħa |
| 52.16.04 | Is-Sra Doris Coleiro qalet illi ltaqgħet mas-Sinjura Donia Montebello tal-amministrazzjoni tal-Anzjanità Attiva (tad-Day Centre) ta' Ħad-Dingli fuq il-proposta tagħhom illi jibdew imorru l-anzjani tagħna hemmhekk b'mod organizzattiv permezz ta' trasport provdut mil-Kunsill. Hija qalet illi se tipproponi illi l-amministrazzjoni ta' Ħad-Dingli tipprovdi l-crafts fid-Day Centre li qed imexxi l-Kunsill (kienu għadhom lanqas jafu bid-Day Centre tar-Rabat li tiftaħ nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa) minflok il-proposta tagħhom. | Day Centre |
| 52.16.05 | Is-SE qal illi kellu talba simili mil-Librerija Pubblika tar-Rabat biex tibda' tiftaħ kull nhar ta' Sibt. Din ukoll ma ntlaqgħetx mil-kunsillieri għaliex jemmnu illi dan għandu jsir għas-spejjeż tal-Gvern Ċentrali peress li ma jkunx hemm flus ivvutati fil-budget tal-Kunsill għal dan. | Librerija Pubblika |
| 52.16.06 | Is-Sur Nazju Cassar talab lill-Kunsill biex jintervjeni fil-każ ta' tarmak ta' Triq Ferris peress li qal illi kull x'ħin jgħaddi ma jara lil ħadd jaħdem u r- | Triq Ferris – tarmak ġdid |


Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;

| | | |
|---|---|---|
| | residenti u tal-ħwienet xebgħu f'din l-iskumdità. Is-SE se jibgħat lill-Infrastruttura Malta biex iħaffu l-proġett li jinvolvi wkoll il-bdil tal-mejnijiet tal-ilma. | |
| 52.16.07 | Is-Sra Janice Busuttil talbet sabiex fil-proġett ta' Għeriexem isir poġġaman u anke żurżieqa (rampa) viċin id-daħla tal-appartamenti. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se jsiru hekk kif jagħlaq it-tender tal-poġġaman ta' Triq Santa Rita. | Proġett ta' Pjazza Għeriexem |
| **52.17** | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa spiċċat fit-8.40pm u dik li jmiss se tinżamm fit-28 ta' Settembru 2022. | Aġġornament |

**(IFFIRMATI)** **(IFFIRMATI)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 28 ta' Settembru 2022 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;*